MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 134/2009

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Publius Said**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Publius Said ta’ 59 sena, iben Johnny u Josephine nee’ Camilleri, imwieled gewwa Sliema, nhar l-4 ta’ April 1949 u residenti gewwa Indipendenza Flt 15, Triq it-Turisti, Qawra u detentur tal-karta tal-identita’ numru 279449(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn Gunju 2005 u April 2008 bil-hsieb li jezorcita flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li jghieghel lil persuna ohra u cioe lill-Olaf Cini, jezegwixxi, jiddistruggi, iqalleb jew ibiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jghati malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra ;

Nhar it-02 ta’ Mejju 2008, ghal habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija (19:30hrs), gewwa il-parkegg ta’ Green Lines f’ Hal-Qormi, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta’ Olaf Cini, ghad-dannu tal-istess Olaf Cini, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Nhar it-02 ta’ Mejju 2008, ghal habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija (19:30hrs), gewwa l-parkegg ta’ Green Lines f’ Hal-Qormi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe lill-Olaf Cini kontra l-volonta’ tieghu, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt ;

Fl-ahhar nett akkuzat talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Frar 2009 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-3 ta' Mejju 2008 il-kwerelant Olaf Cini rraporta lil Pulizija Ezekuttiva li fil-gurnata ta' qabel, u cioe' fit-2 ta' Mejju 2008, huwa kien gie mizmum kontra l-volonta' tieghu mill-imputat u dan wara li kelllu appuntament mieghu dwar xi flus li huwa kellu jaghtih. Olaf Cini qal lil Pulizija li l-imputat flimkien ma' mara jisimha Inna Abrekova ppuntalu pistola, zammu kontra l-volonta' tieghu u seraqlu minn idejh arlogg tal-marka Sector u brazzuletta tad-deheb. Dan Olaf Cini qal ukoll li xi snin qabel kien iltaqa' ma' Inna Abrekova u din kienet silfitu xi flus u wara ftit taz-zmien beda' jcempillu l-imputat u jheddu u jitolbu l-flus lura. Meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2010 dan Olaf Cini allega li huwa kien iltaqa' mal-imputat hdejn il-Phoenicia, l-Furjana u rikeb fil-vettura tal-imputat izda meta prova johrog minnha din kellha c-child lock fuq il-bieba ta' wara u huwa ma setghax johrog minnha. Huwa allega li kien ittiehed gewwa l-bini tal-kumpanija Greenlines f'Hal-Qormi fejn apparti l-imputat u Inna Abrekova kien hemm tlieta min-nies ohra, huwa qal li l-imputat qaflu f'mobile toilet li kien hemm fuq il-post u telqu imbaghad xi ftit tal-hin wara regghu gew lura u harguh u gieghluh jaghtihom arlogg u brazzuletta li kellu fuqu u meta huwa ma riedx jaghtihom dawn l-ogggetti huma haduhomlu minn idejh.

Inna Abrekova kemm meta tkellmet mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll meta xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Novembru 2010 spjegat li xi ftit taz-zmien qabel hija kienet saret taf lil Olaf Cini li dak iz-zmien kien prezenta ruhu b'isem differenti, Stefan Stellatis, u huwa kien weghdha li kien ser jaghtiha xoghol f'agenzija tat-turisti f' Tas-Sliema u wara xi zewg laqghat kien talabha taghtih xi flus u kien qalilha li

kien ser jaghtihomlha lura wara li tibda tahdem mieghu. Hija qalet li b'kollox kienet tatu Lm1,200. Abrekova spjegat li wara li tatu l-flus dan il-persuna li wara saret taf li fil-fatt kien jismu Olaf Cini kien sparixxa u ma setghat tikkuntatjah b'xejn. Hija spjegat li sussegwentement bdiet tifrekwenta lill-imputat u qaltlu x'kien gara u darba minnhom inzertaw raw lil Olaf Cini u hija indikatlu lill-imputat u kien biss f'dak l-istadju li saret taf li l-persuna li kienet tatu l-flus fil-fatt kien jismu Olaf Cini u hija kienet halliet f'idejn l-imputat sabiex jipprova jgibilha flusha lura.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija li tinsab inserita a fol.  27 sa 29 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2010 qal li huwa l-partner ta' Inna Abrekova u li jahdem bhala manager ma' Greenlines Limited.  Huwa kkonferma li kien qed jigri wara Olaf Cini sabiex dan jirrifondi lura lil Inna Abrekova l-flus li hadilha meta weghdha li kien ser igibilha il-work permit u jaghtiha job u qal li kien qallu li jekk ma' kienx ser jaghti l-flus lura kien ser jirrapurtah lil Pulizija. L-imputat izda cahad li kien hedded lil Cini b'xi mod iehor jew li kien zammu kontra l-volonta' tieghu jew heddu b'xi pistola jew altrimenti seraqlu xi arlogg jew brazzuletta. Huwa qal li l-imputat kien tah l-arlogg u l-brazzuletta bhala garanzija li kien ser jirrifondi l-flus lura lil Inna Abrekova u dwar it-2 ta' Mejju 2008 qal li wara li Cini kien tah dawn l-imsemmija oggetti fil-premises tal-Greenlines, Hal-Qormi huma kienu marru flimkien l-airport jiehdu kafe' u minn hemmhekk kienet gabret lil Cini certu habiba tieghu jisimha Marthese.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrivolvi dwar kredibilita'. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kwazi ghal kollox opposti u cioe' l-fatti kif rakkuntati minn Olaf Cini min-naha l-wahda u dawk kif rakkuntati mill-imputat min-naha l-ohra. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz tghid li ghandha dubji serji dwar il-verzjoni tal-fatti kif rakkuntata minn Olaf Cini u jidrilha li l-verzjoni moghtija mill-imputat kemm a tempo vergine meta gie investigat mill-Pulizija kif ukoll meta xehed viva voce

f'dawn il-proceduri hija ferm aktar kredibbli u huwa ferm aktar plawzibbli li Olaf Cini vvinta l-istorja kollha sabiex jevita li jhallas lura lil Abrekova l-flus li kien hadilha b'ingann. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet korroborata minn Abrekova u ghalhekk il-Qorti ma' tarax il-ghala ghandha tiddubita minn dak li dejjem sostna l-imputat.-

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------